MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 204/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Marzu tas-sena 1980 u matul iz-zwieg twieldu zewgt ulied, illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom separati de lege sa mit-8 ta’ Jannar tas-sena 1998 in forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dottor Nicholas Vella hawn anness u markat Dok A;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn sbatax-il sena  mifrudin minn ma' xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin u l-partijiet sahansitra fformaw rabta soda u relazzjoni stabbli ma persuni ohra;

Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Jannar 1998;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti ta' manteniment bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-

partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------